# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Dicembru 2016**

**Kawza Numru : 31**
**Rikors Guramentat Numru : 754/2016/LSO**

**Dr Philip Manduca bhala mandatarju ta' Publius *sive* Dennis Farrugia**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Dr Philip Manduca (ID339960M) bhala mandatarju ta' Dennis Farrugia datat 30 ta’ Awwissu 2016 fejn espona: -

Illi Dennis Farrugia twieled tas-Sliema fit-12 ta' Mejju 1949 bl-isem Publius Farrugia (Dok A).

Illi sussegwentement Dennis Farrugia emigra ghal Australia mal-genituri tieghu u ma' hutu. Huma waslu l-Australia f'Gunju 1964 u minn dak iz-zmien Dennis Farrugia baqa' jghix l-Australia. Illi meta wasal l-Australia huwa gie mnizzel bi zball bhala Pablo Farrugia. Illi wara t-twelid tieghu izda qabel ma' marru lejn l-Australia l-genituri tieghu bdew juzaw l-isem Dennis ghalih u mhux Publius.

Illi ghalhekk tul hajtu Dennis Farrugia dejjem kien maghruf b'dan bl-isem u mhux bl-isem Publius. (ara *statutory declaration* Dok AB). Dennis Farrugia huwa l-isem li bih hu kien konsistentement imsejjah minflok l-isem li jidher fl-att ta' twelid.

Ghalhekk l-esponent jitlob:

1. Li wara l-publikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li din l-Onorabbli Qorti tordna li fir-registrazzjoni Malta tat-twelid ta' Publius Farrugia jigi registrat l-isem Dennis Farrugia li huwa l-isem li bih hu kien konsistentement imsejjah minflok l-isem li jidher fl-att ta' twelid.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta' Novembru 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 7 ta' Ottubru 2016 fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :

1. Illi in linea preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara, fl-ewwel lok huwa essenzjali ghall-intergrita` tal-gudizzju li r-rikorrent jitlob bl-applikazzjoni **tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li huwa ghandu jidher bhala ***"Dr Philip Manduca bhala mandatarju ta' Publius sive Dennis Farrugia"*** *stante* li l-isem *'Dennis'* ma jappartjenix lilu skont kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu bin-numru tal-iskrizzjoni erbghat elef, mitejn u tnejn u sittin (4262) tas-sena elf disa' mija u disgha u erbghin (1949) anness mar-rikors promotur u mmarkat bl-ittra "A";

3. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti kif ukoll mill-Att ta' Twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, mitejn u tnejn u sittin (4262) tas-sena elf disa' mija u disgha u erbghin (1949), li kien

effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni ghal annotazzjoni fl-att ta' twelid ta' isem ir-rikorrenti fil-kolonna *'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* u cioe' li jigi jinqara 'Dennis' minflok 'Publius' salv pero` li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli;

5. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 1 ta' Novembru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Philip Manduca ghar-rikorrent u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. Dr Manduca talab korrezzjoni fl-okkju sabiex jinqara "Dr Philip Manduca bhala mandatarju ta' Publius *sive* Dennis

Farrugia" minflok kif attwalment irregistrat. It-talba mhix opposta, il-Qorti laqghet t-talba u ordnat il-korrezzjoni kull fejn hu mehtieg. L-intimat ghadda ruhu b'notifikat bir-rikors promotur kif korett. Dr Manduca rtira t-talba ghall-kap tal-ispejjez. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Dicembru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fl-1 ta' Settembru 2016, u b'hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

It-tieni eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni tat-talba tar-rikorrenti awtorizzata b'digriet tal-1 ta' Novembru 2014 u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi r-rikorrenti *nomine* qed jitlob li l-isem tieghu mnizzel fl-att tat-twelid bhala "Publius Farrugia" jigi sostitwit bl-isem "Dennis Farrugia" *stante* li sa minn tfulitu hu kien imsejjah u maghruf bl-isem "Dennis".

Illi fil-mertu, ir-rikorrent ghandu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kien u hu maghruf konsistentment bl-isem "Dennis". Ghal dan il-ghan, esebixxa kopja ta' dokumenti, fosthom, licenzja tas-sewqan, u karta ta' kreditu bankarja, (Dok C) fejn jidher imnizzel bl-isem "Dennis".

Inoltre`, hu xehed permezz ta' dikjarazzjoni solenni fejn ikkonferma li huwa twieled Malta u gie registrat bl-isem "Publius", u ta' eta` zghira emigra lejn l-Awstralja, flimkien mal-familja tieghu. Semma li mal-wasla tieghu fl-Awstralja, hu tnizzel erronjament fir-*Record of Arrival* bhala "Farrugia Pablo", hekk kif jidher f'Dok B mehmuz mar-rikors promotur. Madankollu, spjega li hu sa minn qabel telaq minn Malta, kien imsejjah u maghruf bl-isem Dennis, hekk kif jidher mid-dokumenti li esebixxa Dok C. Dan gie kkonfermat minn Patrina Dawn Farrugia, bhala *partner* tar-rikorrenti permezz ta' dikjarazzjoni statutorja, li qalet li minn meta saret taf lir-rikorrent hu kien dejjem maghruf bl-isem "Dennis", ma' qraba, hbieb, u wkoll fl-impjieg tieghu.

Illi fid-dawl ta' din ix-xhieda u tad-dokumenti esebiti, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jipprova li hu konsistentement kien maghruf bl-isem "Dennis" u t-talba tieghu hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti, ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Izda, taqbel mal-intimat, li ma jidhirx li sar zball fir-registrazzjoni fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent. Ghalhekk,

taqbel li l-intimat m'ghandux jigi addebitat l-ispejjez ta' din il-kawza.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara li r-rikorrent *nomine* kien konsistentement maghruf bl-isem "Dennis" u mhux "Publius", u kwindi tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-att tat-twelid tar-rikorrent *nomine* numru 4262 tas-sena 1949 billi minflok l-isem "Publius" taht il-parti 'Ismijiet tat-Tarbija' jitnizzel l-isem "Dennis" u dan abbazi tal-**artikolu 253(2) tal-Kap 16**.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**15 ta' Dicembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Dicembru 2016**